## 18 ta' Ġunju, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Concetta D'Amato

**Storbju — Kliem Oxxen — Dagħa — Art. 352 inċiż (z) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tirriferixxi ruħha għal kliem skandalużi u ndeċenti.*

*Il-kelma "Madonna" deformata, fis-sens illi tiġi pronunzjata bid-desinenza "na" varjata fid-desinenza "ċi", ma titlef xejn mix-xorta skandaluża tagħha bid-desinenza varjata; akkompanjata bil-kelma mprekattiva "ħaqq", u pronunzjata f'kontest ta' ġlied, ċjoè "per modum convicii", toħloq il-karattru blasfemu tal-kliem, u "ergo" skandaluż, għas-sens tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Concetta D'Amato quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Marsa, fl-24 ta' Frar 1930, għal xi l-11 a.m., (1) volontarjament kisret *il-bon ordni*......... u (2) qalet kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-publiku;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Marzu 1960, li biha sabet lil Concetta D'Amato ħatja u kkundannatha għal £1 ammenda fuq it-tielet;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata u li hi tiġi assolta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellanti ġiet misjuba ħatja ta' storbju u dagħa fil-publiku;

Dwar l-istorbju jirriżulta.........;

Dwar l-imputazzjoni l-oħra, id-difiża talbet li l-appellanti tiġi skaġunata għaliex il-kelma li qalet ma kienetx proprjament il-kelma "Madonna", imma dik il-kelma biddesinenza varjata, ċjoè "ċi" flok "na";

Għandu jiġi osservat li l-liġi, fl-inċiż (z) tal-art. 352 Kap. 12, tirriferixxi ruħha għall-kliem skandalużi jew indeċenti (ara anki test taljan antik inċiż 29 art. 339 Kod. Krim.). Issa, il-kelma anki kif deformata, li x-xhieda affermaw li qalet l-appellanti, ma titlef xejn mix-xorta skandaluża tagħha bid-desinenza varjata; għaliex, kif jgħidu l-moralisti, dawk li jkunu preżenti l-istess "nempe audiunt et intelligunt". Mbgħad, ġiet anki akkompanjata bil-kelma mprekattiva "ħaqq", u ġiet pronunzjata f'kontest ta' ġlied, ċjoè "per modum convicii". Dan il-kwadru jġib il-karattru blasfemu tal-kliem, u "ergo" skandaluż, għas-sens tal-liġi;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; u peress li l-appell hu temerarju, tikkundanna lill-appellanti anki għall-ammenda ta' £1 għas-sens tal-art. 441(2) Kap. 12;

Żmien għall-ħlas tal-pieni ħmistax il-ġurnata mil-lum.